# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 2/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Lughermo**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Paul Lughermo, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 616155M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli, f'xi ħin fil-għodu fit-3 ta' Novembru 2015 u fil-ġranet ta' qabel, f'Tas-Sliema b'diversi atti magħmulin minnu anke fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

(1) Offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku jew lok espost għall-pubbliku ai termini tal-Artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali;

(2) Kif ukoll li bl-imġieba tiegħu ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Maria Jones meta kien jaf jew messu jkun jaf li b'dak l-aġir kien ta fastidju għall-imsemmija Maria Jones.

(3) Li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 412C tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront ta' Mary Jones kif ukoll l-Artikoli u 382A, 383 u 412D tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-imputat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-19 ta' Diċembru, 2016 li biha sabet lill-imputat Paul Lughermo mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu; sabitu ħati tal-imputazzjonijiet numri wieħed u tlieta w kkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija u stante li l-piena żdiedet minħabba r-reċidiva, il-Qorti ma imponietx l-piena tal-multa simultaneament. Il-Qorti irrikomandat lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex matul iż-żmien li l-ħati jagħmel residenti f'din il-Faċilita jipprovdi lill-ħati b'għajnuna ta' psikologu u psikjatra adetti mal-Faċilita sabiex forsi jagħraf jibdel l-imġieba tiegħu. Inoltre, l-Qorti estendiet l-ordni taħt l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali mogħtija nhar il-5 ta' Novembru 2015 għal perjodu ta' tliet snin. Sadattant wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti sabiex issaħħaħ l-ordni tagħha ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali aktar 'l fuq imsemmi harget ordni ta' trażżin kontra l-ħati u li permezz tagħha tipprojbih għal perjodu ta' tliet snin milli jersaq lejn l-inħawi ta' Tas-Sliema;

Rat ir-rikors tal-appellant, Paul Lughermo, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Diċembru, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru, 2016

billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn ma sabitx ħtija fit-tieni imputazzjoni u **tikkanċellaha** kwantu sabitu hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u ikkundanntu għal piena ta' tliet xhur priġunerija u estendiet l-ordni taħt l-artikolu 412C għal perjodu ta' tliet snin u ħarġet ordni ta' trażżin kontra tieghu u b'hekk ipprojbietu għall-perjodu ta' tliet snin milli jersaq lejn l-inħawi ta' Ta' Sliema u **minflok** tilliberaħ minn kull ħtija, piena u imputazzjoni skond il-liġi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

1. L-aggravju tal-appellant huwa essenzjalment wieħed dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati. Skont l-appellant il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova ir-reat ta' offiża tal-pudur jew tal-morali f'post pubbliku;

2. Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li ma setgħetx raġonevolment u legalment tasal għall-dik il-konkluzzjoni. Il-funzjoni ta' din il-Qorti f'aggravju bhal dan hu li taghmel ezami u apprezzament approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha u mhux biex isir gudizzju mill-gdid. (Il-Pulizija v Carmel sives Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v Raymond Psaila y Edwar Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v Amadeo Brincat u Martin Dimech

deċiża fis-6 ta' Ġunju 1994; Il-Pulizija v Carmelo Schembri deċiża fit-28 t'April 1995; Il-Pulizija v Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru 1995;);

3. Il-fatti ta' dan il-kaz jirrisalu ghall-bidu ta' Novembru, 2015 meta l-kwerelanta, mara anzjana, kienet regghet lura d-dar mill-mixja giornaliera taghha ta' bejn is-sebgha u nofs u t-tmienja ta' filghodu, mwerwra u hemm irrakontat lill-uliedha li kienet rat ragel qed jimmasturba fit-tarag li hemm bejn it-triq u l-bahar fuq ix-xatt tas-Sliema. Dan kien l-istess persuna li kienet ilha tinnota kulltant jimxi quddiemha, kulltant warajha u anke hdejha u li darba segwiha sad-dar taghha u kien ghalhekk deciz li jsir rapport lill-Pulizija;

4. Xhud ewlenija f'dan il-kaz hija l-istess persuna anzjana li ma kellha l-ebda diffikulta' tgharaf u tidentifika lill-appellant peress illi kien l-istess persuna li diversi drabi kien isegwiha waqt il-mixja taghha ta' kulljum meta toħroġ tippassiġġa sal-Ponta ta' Tigne fuq ix-xatt tas-Sliema. Hi spjegat kif hin minnhom kien jinzel it-tarag li minn fuq ix-xatt jaghti ghall-bankina li hemm mal-bahar, idur wiccu mal-hajt u dejjem kienet tahseb li kien qed jaghmel l-urina. Kien jinzel tlett darbiet u kienet tarah jilghab bil-parti tieghu izda fl-okkazzjoni mertu tal-kawza nizel sa nofs it-tarag, ratu jimmasturba u ma kellha l-ebda dubju dwar dan;

5. Fuq struzzjonijiet tal-Pulizija, ulied l-anzjana ddecidew li jibdew isegwu lil ommhom fil-mixja taghha u wahda minn uliedha innutat lill-appellant f'dan it-tarag li malli ra lill-anzjana ratu iffissat lejha, mexa ftit warajha u forsi nduna li kienet qed tosservah meta qasam it-triq u telaq jigri. F'okkazzjoni ohra meta ommha poggiet fuq bank, hi qaghdet tlett banikijiet boghod u rat lill-appellant gej jigri u waqaf ezatt quddiem il-bank li fuqu kienet qeghda l-omm ihares lejn il-bahar u lejha. Meta qamet timxi mexa

ghal warajha u nizel f'wiehed mit-tarag. Meta waslet biex tirritorna, l-appellant rega' intlemah jimxi magenbha u jista' jkun ghax induna bil-presenza tal-ulied, telaq jigri;

6. WPC 355 Eliza Valente xehdet li fit-2 ta'Novembru 2015 certu John Gambill kien acceda fl-għassa ta' tas-Sliema u rraporta li kien ra persuna jimmasturba fil-pubbliku fix-xatt ta' Tigne, ta' Sliema fejn il-Fortina Hotel. Mid-deskrizzjoni li ta, rrizulta li kien Paul Lughermo;

7. L-istess John Gambill xehed li dan kien it-tieni rapport tieghu li ghamel lill-pulizija dwar persuna li ra fl-istess inhawi timmasturba fil-pubbliku, darba fi Frar u darba f'Novembru. Ghalkemm fix-xhieda tieghu ghall-ewwel kien hemm xi ftit ta' konfuzzjoni fid-dati, fil-kontro-ezami kkjarifika kollox dwar id-data tat-2 ta' Novembru 2015 li hija d-data li fiha rrikorra l-ghassa tal-Pulizija biex jaghmel ir-rapport u li hija d-data li fiha WPC 355 hadet l-istess rapport;

8. Jidher illi l-ewwel Qorti strahet fuq il-verzjoni taz-zewg xhieda ewlenin tal-prosekuzzjoni, igifieri l-anzjana u s-Sur John Gambill. Dawn kienu xhieda okulari li ghall-ewwel Qorti kienu kredibbli u ma kellhiex ghalfejn tiddubita mill-verzjoni taghhom. Ghalkemm jista' jiftiehem illi x-xhieda l-ohra ma kellhomx daqshekk rabta mal-kwistjoni dwar ir-reat hawn kontemplat, irid jinghad illi l-imputat kien qed jiffaccja ukoll l-imputazzjoni tal-fastidju kif ravvizata fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali li minnha kien liberat;

9. Issa, minn ezami tal-atti ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni dwar x'jammonta ghall-offiza ghall-pudur jew morali. Jekk verament sehh dan l-att, f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet, allura ma hemm ebda dubju li bhala tali joffendi sia l-pudur kif

ukoll il-morali fil-pubbliku. Kwantu l-allegazzjoni mressqa kontra l-imputat appellant, din il-Qorti fliet l-argumenti kollha tieghu esposti fir-rikors tal-appell kif ukoll dawk orali fis-sottomisjonijiet u ma tara ebda raguni ghaliex tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx, ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;

10. Iz-zewg xhieda kienu certi minn dak li raw. Is-Sinjura Jones kienet kategorika meta qalet li fl-okkazzjonijiet precedenti kienet tahseb li l-imputat kien jinzel it-tarag biex jaghmel l-urina izda f'din l-okkazzjoni rat mod iehor. L-istess jinghad ghax-xhud l-iehor u mill-kontro ezami taghhom ma rrizulta xejn li seta' qanqal fl-ewwel Qorti dak id-dubju ragjonevoli li l-appellant aktar iva milli le ma ghamilx dak lilu imputat. L-imputat, kif kellu dritt li jaghmel, ma xehedx izda esebixxa certifikat mediku u ricetti ta' medicini biex juri li hu afflitt mill-kondizzjoni ta' diabete u dan sabiex isahhah l-argument tieghu fis-sottomisjonijiet minnu maghmula illi hu diabetiku u li l-medicina li jiehu tikkawza htiega li jghaddi l-urina ta' spiss. Bid-dovut rigward, dan ma kien ta' ebda effett ghall-ewwel Qorti u wisq anqas ghal din il-Qorti li tqis din ir-raguni, mhix pruvata, bhala wahda fierha;

11. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, jirrizulta mill-atti illi l-imputat kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-8 t'Awwissu 2012 b'konferma taghha in parti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Frar, 2014 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Lughermo. L-ewwel Qorti ghalhekk kienet korretta meta ddikjarat ukoll pruvat l-addebitu tar-recidiva;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud u t-termini mposti mill-ewwel Qorti kwantu l-estensjoni fl-artikolu 412C tal-

Kap 9, l-ordni ta' trazzin ai termini tal-artikolu 382A tal-Kap 9 li tiprojbih milli jersaq lejn ta' Sliema jibdew jiddekorru mil-lum.

13. Il-Qorti tabraccja r-rakkomandazzjoni tal-ewwel Qorti lid-Direttur Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex, in vista' tal-pluri recidivita' tieghu f'dan ir-reat, jipprovdi l-ghajnuna ta' psikologu u psikjatra adetti mal-istess Facilita bl-isperanza li jgharaf jindirizza l-imgieba xejn civili tieghu.